# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-1 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 03 ta' Lulju 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Kunsillier |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

**01.01 Talba**

01.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat bidu għall-ewwel laqgħa tad-9 Leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba filwaqt li staqsiet lis-Sinjura Grace Marie Zerafa, il-Kunsillier anzjan kif stipulat fl-Att 363 Artiklu 2, jekk taċċettax li tippresjedi l-laqgħa. Il-Kunsillier Zerafa aċċettat li tippresjedi l-laqgħa.

**01.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

01.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**01.03 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

01.03.01 Skont ir-riżultat uffiċjali kif ippubblikat mill-Kummissjoni Elettorali għall-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li saret nhar it-8 ta' Ġunju 2024, il-Kunsillier Grace Marie Zerafa aċċettat il-Kariga ta' Sindku fejn qrat l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga, iffirmatha, u ppreżentatha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**01.04 Ġurament tal-Kariga ta' Sindku**

01.04.01 Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Anna Maria Mallia, il-Kunsillier Grace Marie Zerafa ħadet il-ġurament tal-kariga ta' Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet l-Insinja lis-Sindku Grace Marie Zerafa.

**01.05 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

01.05.01 Skont ir-riżultat uffiċjali kif ippubblikat mill-Kummissjoni Elettorali għall-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li saret nhar it-8 ta' Ġunju 2024, is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Jonathan Dingli jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Il-

Kunsillier Dingli aċċetta l-Kariga ta' Viċi Sindku fejn qara l-ittra ta' aċċettazzjoni, iffirmaha, u ppreżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**01.06 Ġurament tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

01.06.01 Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Anna Maria Mallia, il-Kunsillier Jonathan Dingli ħa l-ġurament tal-kariga ta' Viċi Sindku.

**01.07 Diskors mis-Sindku**

01.07.01 Is-Sindku bdiet id-diskors tagħha billi pproponiet li jittieħed vot ta' ringrazzjament lill-Kunsill preċedenti, fejn fosthom, il-Viċi Sindku Henry Zaffarese u l-Kunsillier Ray Decelis, mhux se jkunu parti mid-9 Leġislatura. Il-Kunsillier Emanuel Galea issekonda l-proposta tas-Sindku, u l-vot ta' ringrazzjament għadda b'mod unanimu. Kien hemm qbil ukoll mill-membri preżenti fuq proposta oħra mis-Sindku biex lill-istess żewġ Kunsillieri, jingħatalhom l-Unur ta' Mertu, waqt is-Serata Ġieħ l-Imqabba 2024.

01.07.02 Is-Sindku kompliet id-diskors tagħha billi qalet li din il-Leġislatura għandha tkun tkomplija ta' dak li sar tul l-aħħar snin, billi anke jitkomplew proġetti li għadhom ma ġewx finalizzati anke minħabba r-rabta ma' ċertu permessi li jkunu għadhom ma ħarġux. Hemm ukoll Manifest li r-residenti ddeċidew fuqu u li dan irid jitwettaq matul dan il-mandat. Hija kompliet billi qalet li bħalma sar matul is-sindakat tagħha, se tkompli tagħmel ħilitha sabiex ma jintilfu l-ebda fondi minn skemi li jista' jibbenefika minnhom il-Kunsill biex jitwettqu ċertu proġetti, kif ukoll fondi li jistgħu ikunu ta' għajnuna għall-Għaqdiet tal-lokal.

01.07.03 Is-Sindku qalet li minkejja li l-membri preżenti kollha ġejjin minn kampijiet differenti, minn issa 'l hemm għandhom jaħdmu lkoll flimkien biex dak kollu li hu possibbli jsir u li jaqa' fil-parametri tal-liġi, isir għall-ġid tar-residenti kollha u tal-Imqabba.

**01.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

01.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024 fis-5.45 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |